*Reġgħet bdiet nieżla l-borra. Sabiħa l-borra taraha minn wara l-ħġieġ, nieżla b'ħeffa kwieta sakemm tistrieħ fuq il-bankini, is-saqaf tal-karozzi, il-bjut ċatti tad-djar li ma kinux mibnija biex jilqgħuha. Sabiħa taraha l-borra.*

*Wara ftit tidraha. Imbagħad, għal min jifhem sew, jibda t-tkexkix.*

# 2020

### Jannar

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 | 2 | 3 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 |
| 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | |

### Frar

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | 1 |
| 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
| 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 |
| 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 |
| 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 |

### Marzu

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
| 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 |
| 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |
| 29 | 30 | 31 | | | | |

### April

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 | 2 | 3 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 |
| 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | | |

### Mejju

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | | | | | 1 | 2 |
| 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 |
| 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 |
| 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 |
| 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 |

### Ġunju

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 |
| 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 |
| 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 |
| 28 | 29 | 30 | | | | |

### Lulju

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 | 2 | 3 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 |
| 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | |

### Awwissu

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 30 | 31 | | | | | 1 |
| 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
| 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 |
| 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 |
| 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 |

### Settembru

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 |
| 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 |
| 27 | 28 | 29 | 30 | | | |

### Ottubru

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1 | 2 | 3 |
| 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
| 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 |
| 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 |
| 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 |

### Novembru

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
| 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 |
| 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |
| 29 | 30 | | | | | |

### Diċembru

| Ħ | T | T | E | Ħ | Ġ | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 |
| 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 |
| 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | | |

# 1.

# 1. Die Berliner Luft

Berlin, iċ-Checkpoint
ta' Bornholmer Strasse,
9 ta' Novembru 1989, 11.45pm

*Das macht die Berliner Luft Luft Luft*
*so mit ihrem holden Duft Duft Duft*
*wo nur selten was verpufft pufft pufft*
*in dem Duft Duft Duft*
*dieser Luft Luft Luft.*
*Ja ja ja …*

"Mhux possibbli li nagħtukom il-permess li tgħaddu issa," kien qed jgħid mil-loudspeaker il-pulizija, bilqiegħda fil-karozza tiegħu, imdawwar bi gzuz ta' nies li għal darba kienu baqgħu mqajmin biex jaraw l-istorja ta' pajjiżhom tinbidel litteralment mil-lejl għan-nhar. Elizabeth setgħet tisimgħu sew dal-kliem, iżda kienet għadha 'l bogħod mill-kanċell li minnu xi darba kien se

jkollha x-xorti tgħaddi. Kien qed joqrob iż-żmien. Ma fadalx wisq. Il-kelma kienet inxterdet sew. Issa ma setgħux imorru lura minn kelmthom. Jew setgħu? Minn warajha ġew żewġt irġiel m'ogħla s-sema lanqas biss ikkalkulawha, u spiċċat mgħaffġa fil-ġakketta kkuttunata tal-ġolf l-ieħor li kien jinsab quddiemha. Iż-żewġt irġiel kaxkru magħhom linja rġiel u nisa mgeddsin jistennew ħerqana bil-passaporti f'idejhom sa ma waslu f'ras il-ġemgħa. Hemmhekk bdew jilletikaw mal-uffiċjal tal-pulizija li, ħaġa tal-iskantament, minkejja li s-sitwazzjoni setgħet kienet allarmanti, baqa' kalm u rrepeta dak li kien għadu kif tenna. Il-pulizija baqa' f'postu fuq is-seat tal-passiġġier ta' quddiem tal-karozza tiegħu, jistenna huwa wkoll bħall-merħla quddiemu li xi ħadd ieħor jieħu r-riedni f'idejh u jiftaħ beraħ il-kanċell jew jerġa' jagħlqu darba għal dejjem. Madwar Elizabeth kien hemm uċuħ li kienu jesprimu kważi kull emozzjoni li wieħed seta' jimmaġina. Uħud kellhom wiċċhom aħmar, linji tad-dmugħ jaqsmu 'l isfel minn fuq ħaddejhom, oħrajn jitbissmu u jkantaw – dawn għamluha fatta u diġà kienu qed jiċċelebraw il-ħelsien. Fost il-folla mbagħad kien hemm dawk li ħadu l-opportunità jagħmlu kjass. Iżda dawn ma kinux ħafna. Elizabeth ħasset qalbha tħabbat,

tħabbat, tħabbat, kif qatt ma kienet ħassitha qabel. Tbaxxiet ftit u għamlet mezz biex tersaq ftit iktar 'il quddiem forsi sa fl-aħħar tilmaħ in-naħa l-oħra.

Linja karozzi Trabant imqaddmin, kull waħda mimlija sa ruħ ommha bin-nies u mitt elf ħaġa oħra li wieħed seta' jgħabbi f'karozza jekk ikun se jiċċaqlaq minn dar għall-oħra, kienu mwaħħlin fit-triq li tagħti għall-fetħa tal-kanċell. Pulizija kien qed jispjega xi ħaġa lix-xufier tat-Trabant ta' quddiem. Mid-dehra l-karozzi u n-nies setgħu jgħaddu għan-naħa l-oħra. Mela minnu kien l-għajdut! Il-kanċell kien miftuħ għalihom. Iżda kien hemm inċertezza u eżitazzjoni, bħal merħla mogħoż tħares 'l hawn u 'l hinn minkejja li quddiemha hemm xatba tistedinha toħroġ minnha. Elizabeth bdiet tiġġebbed tipprova tara u tisma' iktar.

"Jekk ngħaddu ma nistgħux nerġgħu nidħlu lura!" bdiet tgħid waħda lill-oħra.

"Eh le? Jien kemm immur mixja ta! Mixja sannaħa l-oħra, dak kollox. X'jiġifieri ma nistgħux nidħlu lura d-dar? Jew nejja jew maħruqa dawn!"

"Qed jittimbraw il-passaporti, ara ..."

"Jekk jittimbrawhulek, ma jħallukx tidħol lura!"

Elizabeth fetħet par widnejn daqsiex. Passaport ma kellhiex. Kien se jkollha tmur lura d-dar, għand ommha … setgħet tivvjaġġa biss ma' ommha, u din qatt ma kienet uriet il-ħajra li tiċċaqlaq minn dinnaħa tal-ħajt … le ma riditx tmur lura d-dar issa li kienet waslet hawn. Ta' madwarha kienu qed iħabblu rashom għax b'passaport ittimbrat ma kinux se jitħallew lura f'darhom waqt li Elizabeth kienet qed tinkedd li kien se jkollha tibqa' d-dar, maqtugħa mill-bqija tad-dinja, għax passaport ma kellhiex. Jekk s'issa kienet baqgħet kalma u kwieta tosserva l-istorja tinkiteb quddiemha, issa kienet qisha laqtitha xi sajjetta. Infexxet timbotta u tissara, tipprova tmur lura, la ġenba, 'il quddiem, xi mkien, l-aqwa mhux fejn kienet. "Libertà!" bdiet tgħajjat b'ħanġra li ma bħalha. "Wasal iż-żmien tal-libertà! Eħilsuna, eqirdu l-fruntieri, daqshekk konfini. Iftħulna l-kanċell, WAQQGĦU DAN L-IMNIEGĦEL ĦAJT! … ISSA!" Madwarha l-folla malajr qabdet ir-ritmu u bdiet tgħajjat b'leħen wieħed ma' Elizabeth, "IFTĦULNA L-KANĊELL, IFTĦU, IFTĦU, IFTĦULNA ĦA NGĦADDU!" min iċapċap, min ixejjer u min jiżfen u jkanta dal-kliem li seta' faċilment kien, f'ċirkostanzi oħra bħal dawn, għajta vjolenti.

Elizabeth ħasset ir-rassa tan-nies madwarha tagħfas iktar magħha; kulħadd beda jieħu passi kbar 'il quddiem għalkemm ħadida orizzontali kienet għadha qed iżżommhom milli javvanzaw lejn il-kanċell. L-ilħna saru iktar akuti, l-iġsma ma felħux ma jiċċaqalqux ma' dil-mewġa ta' kambjamenti li kien hemm fl-arja ta' Berlin tal-Lvant dik il-lejla. U Elizabeth ħasset qalbha tielgħa fi griżmejha, tifgaha. Lil hinn setgħet tilmaħ lil André jistennieha ... dak hu kien? Iva, iva, bilfors li hu ... kien żamm kelmtu u kien qed jistennieha n-naħa l-oħra; kulma riedet tagħmel hu li taqbeż il-ħadida, tgħaddi mill-kanċell u timxi sa ħdejh, hekk, pass wara pass, bil-galbu biex ma titgerbibx u titgħaffeġ mill-folla ...

Il-ħadida qisha qiegħda togħla ... hemm xi ċaqliq fuq quddiem. Il-folla bdiet tieħu passi akbar lejn il-fetħa ... wasal il-mument tal-ħelsien, ħasbet. "WASAL IL-MUMENT TAL-ĦELSIEN!" bdiet tgħajjat, u b'dawn il-kelmiet il-folla ħadet l-ispunt u tat skoss 'il quddiem tant li l-uffiċjali tal-pulizija li kienu għassa mal-barriera ċedew u wara tmienja u għoxrin sena waqfu jippruvaw isibu raġunijiet u skużi għalfejn il-poplu ta' Berlin tal-Lvant ma setax joħroġ mixja san-naħa tal-Punent tal-istess belt.

“Darf ich Ihre Biographie bitte sehen??”

“Emm …?”

“Elizabeth, Ihre Biographie bitte!?”

“Biographie?”

“Elizabeth Bonnici … Ihre Hausaufgaben bitte … Se ddum tiċċassa! Għamiltu l-ħowmwerk li tajtkom il-ġimgħa l-oħra?”

“Passaport m’għandix,” laqalqet Elizabeth mifxula.

“Il-Biographie mhux il-passaport irrid! Elizabeth! Kellek tikteb il-bijografija bil-Ġermaniż għal-lum, tiftakar? Jew m’intix magħna?”

“Ħalliha, Miss, dik dejjem fil-qamar tkun!” semgħet lil Melanie tgħid minn warajha.

Elizabeth fl-aħħar indunat li l-folla mitlufa fid-dagħdigħa tal-ħelsien miġbura fiċ-checkpoint ta’ Bornholmer Strasse kienet għebet għalkollox. Minflok sabet madwarha lil sħabha tal-lezzjoni tal-Ġermaniż li kienet tkun magħhom tliet darbiet fil-ġimgħa. Il-pulizija ma kienx għajr Miss Scicluna, l-għalliema tal-Ġermaniż, l-istess waħda li xi jiem qabel kienet uriethom filmati storiċi maħżuna fuq il-Magna relatati mal-waqgħa tal-ħajt ta’ Berlin u tal-Komuniżmu mis-seklu li għadda.

Elizabeth marret fuq il-menu tat-tabla tagħha,

sabet il-fajl bil-bijografija li kienet ħejjiet bil-Ġermaniż u daħħlitu fil-folder ta' Miss Scicluna fin-netwerk tal-iskola. Miss Scicluna rat li kien daħal kollox kif suppost, ittikkjat fuq l-iskrin tat-tabla tagħha li Elizabeth Bonnici kienet għamlet xogħolha u reġgħet marret lura f'postha.

"Fejn mort b'rasek allura llum?" staqsiet b'ton nebbiexi Melanie. Elizabeth ma weġbithiex. Kienet għadha diżorjentata. Bdiet tħares lejn kull naħa tal-kamra biex tara kienx hemm xi fdalijiet minn Bornholmer Strasse jew kienx għosfor kollox bħalma sikwit jiġri bil-ħolm. Ma' ħajt minnhom kien hemm imwaħħla ċ-chart li kienu stampaw hija u tnejn oħra bħala proġett dwar l-avvenimenti tal-1989 fil-Ġermanja. Elizabeth waqfet tiċċassa lejn waħda mill-istampi u stħajlet qed tilmaħ lilha nnifisha fuq quddiem tal-folla miexja lejn il-libertà mill-jasar tal-esperiment tal-Berlin tal-Lvant. Ħasra li l-fotografu ma kienx qabad l-istampa kollha ta' dik il-lejla … André fir-ritratt ma kien jidher imkien.

"U dwar min għamiltha l-bijografija?" kompliet tistaqsiha Melanie, daqslikieku Elizabeth kienet diġà weġbitha l-ewwel mistoqsija.

Did-darba Elizabeth daret tħares lejn seħbitha. "Fay Wray," weġbitha. Għalqet il-kotba, qalgħet it-

tabla mid-dokk ta' fuq il-mejda tagħha, ippakkjat u telqet 'il barra mill-klassi. Melanie daħket bil-qalb xħin semgħet l-isem Fay Wray. Ma kellhiex idea li Fay Wray kienet eżistiet fil-verità, persuna reali li wieħed seta' anki jikteb il-bijografija tagħha. Iżda l-isem kienet tafu sew. Għax Fay Wray kien ukoll isem Elizabeth fuq il-Magna. Melanie ħarġet 'il barra biex tipprova tilħaq lil seħbitha.

# 2. Borra

Ir-Rabat, it-Tlieta, 14 ta' Jannar 2020

Temperatura: -6°C




Reġgħet bdiet nieżla l-borra. Issa kienu għaddew tliet ġimgħat sħaħ minn mindu kienet bdiet l-ewwel ħalba borra f'Malta. Sabiħa l-borra taraha minn wara l-ħġieġ, nieżla b'ħeffa kwieta sakemm tistrieħ fuq il-bankini, is-saqaf tal-karozzi, il-bjut ċatti tad-djar li ma kinux mibnija biex jilqgħuha. Sabiħa taraha l-borra. L-ewwel darba forsi. It-tieni u t-tielet darba tkun għadek imbellah. Wara ftit tidraha. Imbagħad, għal min jifhem sew, jibda t-tkexkix.

Elizabeth ma kinitx waħda minn dawk li jitkexkxu u jroddu s-slaleb. Ovvjament. Kellha biss ħmistax-il sena, kif tista' tibża' mill-borra? Baqgħet tħares 'il barra mit-tieqa tal-ħanut. Tistenna. Sabiħa l-borra imma ma kellhiex aptit timxiha lura d-dar waqt li kienet nieżla. Ma kellhiex boots tajbin. Żgur

ħadd ma kien ħaseb jilbes żraben tajbin għal meta tinżel il-borra dakinhar filgħodu. Mhux meta kienet ħarġet ġurnata daqshekk xemxija. U xi ftit sħuna. Sa filgħaxija t-temperatura niżlet kważi għoxrin grad f'daqqa. Ħadd ma kien qed jistennieha llum, minkejja li kienu avżaw li setgħet terġa' tinżel it-temperatura. Iżda ħadd ma kien għadu jistenna xejn. Jew aħjar, minn kollox seta' jinqala'; tqum filgħodu ssibu sajf, u tidħol torqod għal lejla xitwija. Wara kollox kienu ilhom snin ibassru li xi darba, anzi daqt, se jasal l-aħħar tad-dinja għax jiffriża kollox.

Elizabeth kienet qed titbissem. Setgħet tisma' lil tal-ħanut jeqred u jisħet lil dan l-imniegħel temp miġnun. Miskin. Ma kienx jaf x'kien qed jitlef. Mhux aħjar jiġi jittawlilha ftit lill-borra milli jisħitha waqt li jagħmel il-kontijiet u jgħodd il-flus? Daret tħares lejn il-lemin tal-bank li warajh kien hemm tal-ħanut u tbissmet ftit. X'ironija, bdiet taħseb: imwaħħlin mal-ħajt kien għad hemm xi kartolini tal-Milied li kien għadu kif għadda, bi stampi ta' pajsaġġi miksijin bl-abjad.

Daret tħares barra mit-tieqa u reġa' bdielha. Marret tħallas lil tal-ħanut, ġabret kollox fil-basket u tefgħetu fuq daharha, u ħarġet 'il barra. Il-kesħa kienet tremenda u ħassitha se taqta' nifisha. Bl-iktar pass mgħaġġel li setgħet tieħu telqet fid-direzzjoni